ċahdet l-eżistenza ta' rabta kawżali ċara bejn l-aġir tal-Kummissjoni u d-dannu mġarrab mill-kumpannija rikorrenti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx, meta mmotivat id-digriet tagħha, ċirkustanzi diġà magħmula permezz tar-rikors li flewwel istanza, kif ukoll l-osservazzjonijiet li ġew ippreżentati wara. Mill-allegazzjonijiet tal-kumpannija appellanti tirriżulta, b'mod partikolari, in-natura aċċessorja, u mhux essenzjali, tal-allegat ksur tal-istess, li jikkonsisti fid-dewmien tal-integrazzjoni tad-dokumentazzjoni, meta mqabbel ma' proġett imwettaq b'mod sħiħ.

([1]) Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Lulju 2000, dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 121)

([2]) Regoli amministrattivi standard mehmuża mal-Grant Agreement iffirmat

---

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda

(Kawża C-374/11)

(2011/C 282/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, I. Hadjiyiannis, A. Marghelis, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi naqset milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-188/08, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260 TFUE;

— tordna lill-Irlanda sabiex tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa ta' EUR 4 771,20, immultiplikata bl-ammont ta' ġranet bejn id-deċiżjoni fil-Kawża C-188/08 u d-deċiżjoni fil-kawża preżenti (jew konformità kompleta mill-Irlanda mad-deċiżjoni fil-Kawża C-188/08, jekk din tinkiseb waqt li din il-kawża tkun għadha pendenti);

— tordna lill-Irlanda sabiex tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 26 173,44, mid-data tad-deċiżjoni fil-kawża preżenti sad-data li fiha l-Irlanda tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni fil-Kawża C-188/08;

— tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Għaddew iktar minn sena u nofs minn meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-188/08. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan kien żmien suffiċjenti sabiex l-Irlanda tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, hija tinnota li l-Irlanda ddikjarat li kellha l-intenzjoni tadotta l-leġiżlazzjoni neċessarja sal-aħħar tal-2010. Madankollu, dan ma twettaqx u l-Irlanda ma tidhirx li waslet sabiex tilħaq konformità kompleta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju) fil-15 ta' Lulju 2011 — Belgacom SA, Mobistar SA, KPN Group Belgium SA vs L-Istat tal-Belġju

(Kawża C-375/11)

(2011/C 282/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour constitutionnelle

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Belgacom SA, Mobistar SA, KPN Group Belgium SA

Konvenut: L-Istat tal-Belġju

Domandi preliminari

(1) L-Artikoli 3, 12 u 13, kif attwalment applikabbli, tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ("Direttiva ta'Awtorizzazzjoni") ([1]) jippermettu lill-Istati Membri jimponu fuq operaturi fil-pussess ta' drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tat-telefonija mobbli għal perjodu ta' ħmistax-il sena fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni biex jimplementaw u jħaddmu fit-territorju tagħhom network tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti, tariffa unika għat-tiġdid tad-drittijiet individwali tagħhom għall-użu ta' frekwenzi li l-ammont tagħha għan-numru ta' frekwenzi u tax-xhur li fuqhom huma bbażati d-drittijiet għall-użu, tiġi kkalkolata fuq il-bażi tad-dritt preċedenti tal-konċessjoni unika li kienet annessa mal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni msemmija iktar 'il fuq, billi din it-tariffa unika tkun komplementari, minn naħa waħda, għal tariffa annwali ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li tippromwovihom parzjalment ukoll, peress li ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi, u min-naħa l-oħra, tariffa li tkopri l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjoni?

(2) L-Artikoli 3, 12 u 13 tal-istess Direttiva "awtorizzazzjoni" jippermettu lill-Istati Membri jimponu, fuq operaturi applikanti għal drittijiet ġodda għall-użu ta' frekwenzi tat-telefonija mobbli, li jħallsu tariffa unika li l-ammont tagħha jiġi ddeterminat bl-irkant fl-assenjazzjoni tal-frekwenzi, sabiex huma jiġu promossi, billi t-tariffa unika tkun komplementari, minn naħa waħda, għal tariffa annwali, ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi intiża qabel kollox biex

tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li tippromwovihom parzjalment ukoll, peress li ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi u, min-naħa l-oħra, tariffa annwali ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet li jimplimentaw u jħaddmu network ta' telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?

(3) L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva "awtorizzazzjoni" jawtorizza lil Stat Membru jimponi fuq operaturi tat-telefonija mobbli, għal perijodu ta' tiġdid ulterjuri tad-drittijiet individwali tagħhom għall-użu ta' frekwenzi ta' telefonija mobbli, diġà akkwistati għal xi wħud minnhom, iżda qabel il-bidu ta' dan il-perjodu l-ġdid, il-ħlas ta' tariffa unika għad-drittijiet ta' tiġdid għall-użu tal-frekwenzi għad-dispożizzjoni tagħhom fil-bidu ta' dan il-perijodu ġdid, intiż biex jiffavorixxi l-aħjar użu ta' frekwenzi permezz tal-promozzjoni tagħhom, u li tkun komplementari, minn naħa waħda, għal tariffa ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li tippromwovihom parzjalment ukoll, peress li ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi, u, min-naħa l-oħra, tariffa annwali ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet li jimplimentaw u jħaddmu network tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?

(4) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva "awtorizzazzjoni" jawtorizza Stat Membru jżid, bħala kundizzjoni għall-ksiba u t-tiġdid tad-drittijiet għall-użu ta' frekwenzi, tariffa unika stabbilita bl-irkant u mingħajr limitu, u li tkun komplementari, minn naħa waħda, tariffa ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi intiża qabel kollox biex tkopri l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-frekwenzi filwaqt li tippromwovihom parzjalment ukoll, peress li ż-żewġ tariffi għandhom l-għan li jippromwovu l-aħjar użu tal-frekwenzi, u, min-naħa l-oħra, tariffa annwali ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet li jimplimentaw u jħaddmu network tat-telefonija mobbli, maħruġa taħt il-qafas legali preċedenti?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 29 p. 337.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fid-19 ta' Lulju 2011 — Tate & Lyle Investments vs Belgische Staat; parti oħra fil-proċedura: Syral Belgium NV

(Kawża C-384/11)

(2011/C 282/26)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tate & Lyle Investments Ltd

Konvenut: Belgische Staat

Parti oħra fil-proċedura: Syral Belgium NV

Domandi preliminari

L-Artikolu 63 TFUE (li kien l-Artikolu 56 KE) jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha d-distribuzzjoni ta' dividend lil kumpannija residenti li hija d-detentriċi ta' sehem ta' inqas minn 10 % mill-kapital ta' kumpannija residenti oħra, fejn il-valur tal-akkwist ta' dan is-sehem ikun minn tal-inqas EUR 1.2 miljuni, hija suġġetta għal taxxa f'ras il-għajn ta' 10 %, u dan filwaqt li din it-taxxa f'ras il-għajn titqies bħala tpaċija mat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta fil-Belġju, filwaqt li l-eventwali bilanċ jiġi rrimborsat u filwaqt li l-kumpannija azzjonista residenti tista', jekk ikun il-każ, titlob ukoll l-applikazzjoni ta' sistema fiskali ("DBI") li permezz tagħha tkun tista' tkompli titnaqqas il-bażi ta' stima tat-taxxa billi jitnaqqsu ċerti spejjeż marbuta mas-sehem, meta t-taxxa f'ras il-għajn (imsejħa "précompte immobilier") ta' 10 % applikata fuq id-dividendi — jew fuq ħlasijiet ikkunsidrati bħala tali — iddistribwiti fir-rigward ta' sehem simili f'kumpannija residenti iżda lil kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra tikkostitwixxi taxxa definittiva li ma tistax tiġi rrimborsata u li lanqas ma tista' titnaqqas bl-użu tas-sistema fiskali msemmija ("DBI")?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit) fil-25 ta' Lulju 2011 — Field Fisher Waterhouse LLP vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-392/11)

(2011/C 282/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Field Fisher Waterhouse LLP

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs.

Domandi preliminari

(1) Id-domanda prinċipali f'din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni jekk is-servizzi pprovduti minn kerrejja taħt kuntratt ta' kiri konkluż mal-lokatarji tagħhom (iktar 'il quddiem, is-"servizzi"), għandhomx jitqiesu bħala element ta' provvista waħda eżenti ta' kiri ta' art, jew minħabba l-fatt li s-servizzi jifformaw oġġettivament provvista ekonomika waħda indiviżibbli flimkien mal-kiri jew minħabba li huma "aċċessorji" tal-kiri, li huwa l-provvista prinċipali (iktar 'il quddiem, il-"provvista prinċipali"). Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-572/07, Tellmer, kemm huwa rilevanti li s-servizzi jistgħu (iżda fil-fatt ma humiex) jiġu pprovduti minn persuni li ma humiex il-kerrejja, minkejja li taħt il-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' kiri inkwistjoni, il-lokatarji setgħu biss jirċievu s-servizzi mill-kerrejja?